# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/2108

**tad-9 ta' Diċembru 2019**

**b'appoġġ għat-tisħiħ tas-sigurtà u s-sikurezza bijoloġiċi fl-Amerka Latina f'konformità mal-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Diċembru 2003, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, li l-Kapitolu III tagħha fih lista ta' miżuri biex tiġi miġġielda tali proliferazzjoni. Tali miżuri jenħtieġ li jittieħdu kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi.

(2) L-Unjoni qiegħda timplimenta attivament dik l-istrateġija u qiegħda tagħti effett lill-miżuri elenkati fil-Kapitolu III tagħha, b'mod partikolari billi tagħmel disponibbli riżorsi finanzjarji b'appoġġ għal proġetti speċifiċi mwettqa minn istituzzjonijiet multilaterali, billi tagħti lill-Istati assistenza teknika u għarfien espert fir-rigward ta' firxa wiesgħa ta' miżuri ta' nonproliferazzjoni, u billi tippromwovi r-rwol tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU).

(3) Fit-28 ta' April 2004, il-KSNU adotta r-Riżoluzzjoni 1540 (2004) ("UNSCR 1540 (2004)"), li kienet l-ewwel strument internazzjonali biex jiġu ttrattati b'mod integrat u komprensiv l-armi ta' qerda massiva, il-mezzi ta' twassil tagħhom, u l-materjal relatat. L-UNSCR 1540 (2004) stabbilixxiet obbligi vinkolanti għall-Istati kollha, u dawk l-obbligi kellhom l-għan li jimpedixxu u jiskoraġġixxu lill-atturi mhux statali milli jiksbu tali armi u materjal relatat mal-armi. Il-KSNU ddeċieda wkoll li l-Istati kollha għandhom jieħdu u jinfurzaw miżuri effettivi biex jistabbilixxu kontrolli domestiċi għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom, inkluż billi jistabbilixxu kontrolli adegwati fuq materjal relatat.

(4) Fil-11 ta' Mejju 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/809 ([1]) b'appoġġ tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). L-implimentazzjoni teknika tal-attivitajiet skont id-Deċiżjoni (PESK) 2017/809 hija fdata lill-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA) b'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali reġjonali rilevanti, u b'mod partikolari l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS).

(5) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm "Securing our Common Future" ("Niżguraw il-Ġejjieni Komuni Tagħna"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-NU enfasizza li rridu nkomplu nsaħħu l-istituzzjonijiet tagħna biex nimpedixxu kwalunkwe użu ta' armi bijoloġiċi, inkluż billi nsaħħu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi, u niżguraw li nkunu nistgħu naġixxu b'mod adegwat f'każ li l-prevenzjoni ma tirnexxix, u huwa enfasizza wkoll li hemm bżonn li nikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' qafas li jiżgura reazzjoni internazzjonali kkoordinata għall-użu tal-armi bijoloġiċi.

(6) Fil-21 ta' Jannar 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/97 ([2]) b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi ("BTWC"), fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva.

(7) L-OAS ħejjiet żewġ proposti ta' proġetti bil-ħsieb li jissaħħu s-sikurezza u s-sigurtà bijoloġiċi globali fl-Amerka Latina.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/809 tal-11 ta' Mejju 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1540 (2004) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u l-mezzi ta' twassil tagħhom (ĠU L 121, 12.5.2017, p. 39).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/97 tal-21 ta' Jannar 2019 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva (ĠU L 19, 22.1.2019, p. 11).

(8) Jenħtieġ li s-Segretarjat tal-OAS/Kumitat Inter-Amerikan kontra t-Terroriżmu (CICTE) jiġi fdat bl-amministrazzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti li għandhom jitwettqu skont din id-Deċiżjoni.

(9) Jenħtieġ li s-Segretarjat tal-OAS/CICTE jiżgura kooperazzjoni effiċjenti mal-organizzazzjonijiet u l-korpi internazzjonali rilevanti bħall-Unità ta' Appoġġ għall- BTWC, il-Kumitat tal-KSNU stabbilit skont l-UNSCR 1540 (2004), l-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE), u s-Sħubija Globali Kontra l-Firxa ta' Armi u Materjal ta' Qerda Massiva. Jenħtieġ ukoll li s-Segretarjat tal-OAS/CICTE jiżgura l-komplementarjetà u s-sinerġija ta' proġetti mwettqa abbażi ta' din id-Deċiżjoni ma' proġetti rilevanti li tlestew u dawk li għaddejjin, ma' attivitajiet fl-Amerka Latina li huma appoġġati minn Stati Membri individwali tal-UE, u ma' programmi oħra sponsorjati mill-Unjoni f'dan il-qasam inkluż l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-UE dwar il-Mitigazzjoni ta' Riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Għall-fini tal-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà, u multilateraliżmu effettiv fuq livelli globali u reġjonali, l-Unjoni għandha ssegwi l-objettivi li ġejjin:

— it-titjib tal-bażi leġislattiva u regolatorja tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji, permezz tal-adozzjoni u l-infurzar ta' liġijiet effettivi adatti li jipprojbixxu lill-atturi mhux statali milli jimmanifatturaw, jakkwistaw, jippossjedu, jiżviluppaw, jittrasportaw, jittrasferixxu jew jużaw armi bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom, b'mod partikolari għal finijiet terroristiċi;

— it-titjib tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost is-setturi rilevanti, inkluż permezz tal-infurzar ta' miżuri domestiċi effettivi għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' armi bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom.

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, l-Unjoni għandha twettaq il-proġetti li ġejjin:

— assistenza teknika u leġislattiva għat-tisħiħ tar-regolamenti dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà, għall-iżgurar tal-armonizzazzjoni ta' tali regolamenti mal-istandards internazzjonali, u għall-promozzjoni u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni reġjonali;

— is-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà.

*Artikolu 2*

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("ir-Rappreżentant Għoli") għandha tkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandha titwettaq mis-Segretarjat tal-OAS/CICTE. Huwa għandu jwettaq dan il-kompitu taħt il-kontroll tar-Rappreżentant Għoli. Għal dan il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mas-Segretarjat tal-OAS/CICTE.

3. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġetti tinsab fl-Anness I gal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implementazzjoni tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2) għandu jkun ta' EUR 2 738 708,98.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandu jiġi ġestit f'konformità mal-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-ġestjoni tajba tal-infiq imsemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi ftehim ta' finanzjament mas-Segretarjat tal-OAS/CICTE. Dak il-ftehim għandu jistipula li s-Segretarjat tal-OAS/CICTE jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, adegwatament għad-daqs ta' dik il-kontribuzzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

*Artikolu 4*

Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, u għandu jagħmel dan abbażi ta' rapporti regolari mħejjija mis-Segretarjat tal-OAS/CICTE. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni mwettqa mill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġetti msemmija fl-Artikolu 1(2).

*Artikolu 5*

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3), jew sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni tagħha jekk l-ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konkluż f'dak il-perijodu.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

*ANNESS*

PROGETTI BIL-GHAN TAT-TISHIH TAS-SIKUREZZA U S-SIGURTA BIJOLOGICI FL-AMERIKA LATINA F'KONFORMITA MAL-IMPLIMENTAZZJONI TAR-RIZOLUZZJONI 1540 (2004) TAL-KUNSILL TAS-SIGURTA TAN-NAZZJONIJIET UNITI DWAR IN-NONPROLIFERAZZJONI TA' ARMI TA' QERDA MASSIVA U L-MEZZI TA' TWASSIL TAGHHOM

1. Introduzzjoni u objettivi

1.1. Introduzzjoni

Il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BWC) daħlet fis-seħħ fl-1975 u ġiet ratifikata mill-pajjiżi kollha ħlief wieħed (il-Haiti) fl-Amerka Latina u l-Karibew. Madankollu, wara aktar minn erbgħin sena, ħafna minn dawk l-istess pajjiżi m'għandhomx il-qafas legali u regolatorju domestiku meħtieġ biex jimplimentaw bis-sħiħ il-BWC. Dik il-Konvenzjoni tistabbilixxi, fost affarijiet oħra, ċerti standards ta' bijosikurezza biex jitnaqqas it-theddid batterjoloġiku u theddid bijoloġiku ieħor li jista' jirriżulta fi ħsara għall-ħajja fid-dinja.

Fi sforz għal aktar sforzi fil-ġlieda kontra dan it-theddid, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 1540 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2004 ("UNSCR 1540 (2004)"). Dik ir-riżoluzzjoni teħtieġ li l-Istati kollha jieħdu miżuri effettivi, u jinfurzawhom, biex jistabbilixxu kontrolli domestiċi għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom. Skont Paragrafu Operattiv 3a tal-UNSCR 1540 (2004) dawn il-miżuri għandhom jinkludu l-istabbiliment ta' kontrolli xierqa fuq materjali relatati u, għal dan il-għan jiżviluppaw u jżommu miżuri effettivi adatti biex jinżamm kont ta' tali oġġetti u jinżammu taħt sigurtà fil-produzzjoni, l-użu, il-ħżin jew it-trasport.

Kull ħames snin il-Kumitat 1540 jagħmel rieżami komprensiv tal-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jimplimentaw l-obbligi skont il-UNSCR 1540 (2004). Id-dokument finali tar-Rieżami Komprensiv 2016 wasal għal xi konklużjonijiet importanti. L-ewwel nett, id-dokument jinnota li filwaqt li l-Istati għamlu xi progress fis-sigurtà u l-protezzjoni ta' materjali sensittivi, għad hemm lakuni f'dawn l-oqsma. It-tieni nett, il-Kumitat innota li l-isforzi biex jinżamm kont tal-materjali relatati ma' armi bijoloġiċi u biex dawn jinżammu taħt sigurtà għadhom wara dawk għas-salvagwardja ta' materjali relatati ma' armi nukleari u kimiċi. It-tielet, il-Kumitat innota li ma kien hemm l-ebda żieda fl-implimentazzjoni mill-Istati ta' miżuri mitluba mill-UNSCR 1540 (2004) sa mill-2011. B'riżultat ta' dan, il-Kumitat ikkonkluda li l-Istati għandhom jieħdu azzjoni urġenti biex jadottaw miżuri biex jinżamm kont tal-materjali relatati mal-armi bijoloġiċi u jinżammu taħt sigurtà.

Inċident li jinvolvi l-introduzzjoni u l-firxa potenzjali ta' aġent bijoloġiku patoġeniku, kemm jekk minn attur bl-intenzjoni li jagħmel ħsara lil popolazzjoni fil-mira jew permezz ta' mezzi naturali, għandu l-potenzjal li jikkawża ħsara umana, ekonomika, u politika sinifikanti fir-reġjun tal-OAS. Minħabba dik it-theddida potenzjali, l-OAS fittxet li żżid is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-Kontinent Amerikan. Mill-2009, pereżempju, il-Kumitat Inter-Amerikan Kontra t-Terroriżmu ("OAS/CICTE"), permezz tas-Segretarjat tiegħu ("is-Segretarjat"), mexxa diversi eżerċizzji ta' maniġġar ta' kriżijiet ta' bijoinċidenti nazzjonali mmirati biex jissensibilizzaw dwar it-theddid għal bijosigurtà u jlaqqgħu flimkien uffiċjali u rappreżentanti minn aġenziji u organizzazzjonijiet biex jitgħallmu kif jikkoordinaw ir-rispons tagħhom għal bijoinċident. Barra minn hekk, għadd ta' Stati Membri tal-OAS speċifikament talbu l-assistenza tas-Segretarjat biex ifasslu jew jaġġornaw il-Pjanijiet Nazzjonali ta' Rispons għal Bijoemerġenza.

Filwaqt li dawn l-isforzi u sforzi oħra biex jittejbu l-kapaċitajiet ta' tħejjija u ta' rispons għall-bijoinċidenti taw riżultati importanti, madankollu għad hemm nuqqas ta' involviment u investiment fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà fost ħafna Stati Membri tal-OAS. Dan huwa rifless fin-nuqqas tal-infrastruttura, il-kapaċità, u l-oqfsa legali meħtieġa biex jiġi identifikat u jingħata rispons effettiv għal inċident bijoloġiku. L-ammont kbir u sproporzjonat ta' mwiet fil-Kontinent Amerikan mit-tifqigħa globali ta' H1N1 tal-2009 jenfasizza l-vulnerabbiltajiet imsemmija hawn fuq u jissottolinja l-ħtieġa ta' aktar attenzjoni ffukata fuq il-bijosikurezza u l-bijosigurtà. Huwa maħsub, pereżempju, li aktar nies mietu mill-influwenza tal-ħnieżer H1N1 tal-2009 fil-Kontinent Amerikan milli fil-bqija tad-dinja.

In-nuqqas ta' involviment min-naħa tal-gvernijiet fir-reġjun dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà jirriżulta minn taħlita ta' fatturi, inkluż in-nuqqas ta' għarfien ta' dawk li jfasslu l-politika fir-rigward tat-theddida u tal-ispejjeż potenzjali ta' inċident bijoloġiku fuq skala kbira; prijoritajiet relatati mas-sigurtà li jikkompetu għar-riżorsi skarsi disponibbli fil-livell nazzjonali; u l-isfidi inerenti għall-iżvilupp ta' kapaċità nazzjonali integrata ta' tħejjija u rispons għall-bijoinċidenti. Dawn l-isfidi jenfasizzaw il-ħtieġa fir-reġjun tal-OAS għal rispons koordinat għal inċidenti bijoloġiċi. Rispons bħal dan għandu jinvolvi atturi multipli fil-livelli nazzjonali u lokali, inkluż ministeri tal-gvern (saħħa, agrikoltura, sigurtà, ġustizzja, difiża, intelligence, trasport, affarijiet barranin, kummerċ internazzjonali, ekonomija, xjenza u t-teknoloġija, u oħrajn), il-komunità tal-infurzar tal-liġi u oħrajn tal-ewwel intervent, entitajiet tas-settur privat (speċjalment l-industrija u l-akkademja), u s-soċjetà ċivili.

1.2. Objettivi

Permezz ta' dan il-proġett ta' tliet snin, CICTE għandu l-għan li jtejjeb il-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji, f'konformità mal-UNSCR 1540 (2004), b'mod partikolari l-istabbiliment u l-infurzar ta' miżuri effettivi li jipprevjenu l-proliferazzjoni tal-armi bijoloġiċi u l-mezzi ta' twassil tagħhom.

L-assistenza teknika u l-kooperazzjoni ma' Stati Membri li jappoġġaw l-għan ġenerali tal-proġett ser ikunu bbażati fuq l-objettivi ewlenin li ġejjin:

— it-tisħiħ tal-istandards tal-bijosikurezza u tal-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji.

— it-titjib tal-oqfsa legali u regolatorji dwar il-bijosikurezza u l-bijosikurezza u l-armonizzazzjoni tagħhom ma' standards internazzjonali eżistenti.

— it-tisħiħ tal-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-eżerċizzji ta' 1540 ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

— il-faċilitazzjoni ta' taħriġ kontinwu dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà.

2. L-għażla tal-aġenzija ta' implimentazzjoni u l-koordinazzjoni ma' inizjattivi ta' finanzjament rilevanti oħra

2.1. Aġenzija ta' Implimentazzjoni – l-Organizzazzjoni tal-Istati Amerikani (OAS)

L-OAS ilha tappoġġa b'mod attiv l-isforzi tal-Istati Membri dwar in-nonproliferazzjoni fil-Kontinent Amerikan sa mill-2005. Fl-2010, is-Segretarjat ta' CICTE ngħata mandat speċifiku biex jiżviluppa programm li jassisti fl-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004). Konsegwentement, ġiet iffurmata sħubija strateġika bejn l-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), il-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat 1540, u s-Segretarjat tal-OAS/CICTE biex timplimenta proġett pilota ta' assistenza teknika u ta' bini tal-kapaċità fil-Kontinent Amerikan biex jiffaċilita l-isforzi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-oqsma differenti koperti mill-UNSCR 1540 (2004).

Wieħed mill-objettivi ewlenin ta' OAS/CICTE kien il-ħidma ma' pajjiżi li l-gvernijiet tagħhom huma impenjati bis-sħiħ li jipproteġu fiżikament il-materjali kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari ("CBRN"), u li jżommu kont tagħhom, bħala parti mill-isforzi ta' nonproliferazzjoni ta' dawk l-istati. Objettiv ieħor kien li jfittex li jgħin lill-istati benefiċjarji biex jimplimentaw il-UNSCR 1540 (2004) billi jiġu identifikati ħtiġijiet u sfidi speċifiċi sabiex jitfasslu l-assistenza leġislattiva u l-attivitajiet ta' bini ta' kapaċità speċjalizzati mmirati biex isaħħu l-qafas preventiv tal-Istati Membri kontra l-użu ta' materjali CBRN minn atturi mhux statali.

Il-qafas reġjonali pprovdut mill-OAS iġib miegħu vantaġġ komparattiv minħabba n-natura transnazzjonali tat-theddid, li neċessarjament jinvolvi kooperazzjoni bejn pajjiżi ġirien sabiex jilqgħu għal dawk l-isfidi. L-approċċ reġjonali ta' CICTE għal dawn il-kwistjonijiet ser jiżgura l-konsistenza sabiex l-isforzi ma jiġux duplikati u jkun jista' jimmassimizza l-effiċjenza. F'dan ir-rigward, l-OAS, bħala l-aqwa organizzazzjoni reġjonali fil-Kontinent Amerikan, tinsab f'pożizzjoni unika fl-emisfera biex turi li hija effettiva bis-saħħa tan-netwerk eżistenti tagħha ta' punti ta' kuntatt nazzjonali; tal-preżenza estensiva tagħha fir-reġjun kollu u tal-kapaċità tagħha li taħdem fil-qasam flimkien mal-pajjiżi benefiċjarji proposti.

B'mod aktar ġenerali, OAS/CICTE ħadem mill-qrib mal-gvernijiet ta' bosta Stati Membri tal-OAS u kiseb riżultati importanti fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà. Pereżempju, OAS/CICTE assista lill-Istati Membri b'diversi modi:

— it-tfassil tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali ta' 1540 u t-tisħiħ tal-oqfsa legali u regolatorji;

— il-bini ta' kapaċità għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar u l-kuntrabandu ta' materjal nukleari, radjoloġiku, kimiku u bijoloġiku;

— il-promozzjoni tal-iskambju ta' prattiki effettivi permezz tal-użu tal-metodoloġija ta' rieżami bejn il-pari; u

— l-iffaċilitar tal-koordinazzjoni fil-livell politiku biex jiġu identifikati oqsma għal kooperazzjoni reġjonali u sottoreġjonali.

2.2. Koordinazzjoni ma' Inizjattivi ta' Finanzjament Rilevanti Oħrajn

Bħala prattika ġenerali, OAS/CICTE jikkoordina l-attivitajiet tiegħu ma' aġenziji u organizzazzjonijiet oħra li jirċievu fondi kemm mill-istess gvernijiet u korpi internazzjonali donaturi kif ukoll mingħand gvernijiet u korpi internazzjonali differenti. Fil-każ ta' organizzazzjonijiet li jirċievu appoġġ mill-Unjoni Ewropea għal ħidma relatata mal-attivitajiet proposti skont dan il-proġett, l-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), il-Kumitat 1540 u l-Grupp ta' Esperti tiegħu, u l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BWC-ISU) huma direttament rilevanti għall-proġett, u għandu jiġi nnutat li OAS/CICTE diġà qed jaħdem mill-qrib magħhom. Il-koordinazzjoni ma' dawn il-korpi ser titwettaq mit-tim ta' ġestjoni bbażat fil-Kwartieri Ġenerali tal-OAS, biex jiġi żgurat li l-isforzi kollha huma komplementari u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni, u l-attivitajiet tal-proġett ser jiġu allinjati mal-obbligi ta' 1540 u l-BWC.

F'dan ir-rigward, OAS/CICTE jemmen li l-Proġett jikkonforma b'mod ċar mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew tal-2019 biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi barra mill-Unjoni Ewropea ("id-Deċiżjoni"). Il-Proġett propost ser ikompli mad-Deċiżjoni billi jgħin biex titnaqqas it-theddida tal-proliferazzjoni ta' armi bijoloġiċi u tossiċi fir-reġjun. Meta jagħmel dan, il-Proġett jieħu kont tal-avvanzi rapidi fix-xjenzi tal-ħajja, sabiex jiġi żgurat li l-oqfsa legali u regolatorji tal-gvernijiet biex jiġġieldu kontra theddid bħal dan li jilħqu l-istandards internazzjonali attwali. Bħala riżultat, il-Proġett jgħin biex jiżgura li l-Istati Membri tal-OAS jkunu mħejjija tajjeb biex jirrispondu malajr għal kwalunkwe theddid li jista' jinqala'.

Fir-rigward tal-iżvilupp ta' politika, OAS/CICTE ser ikompli jaħdem f'dan il-qasam permezz ta' Sessjonijiet Regolari tiegħu u l-Kumitat dwar is-Sigurtà Emisferika tal-Kunsill Permanenti tal-OAS.

L-objettiv ewlieni ta' din il-proposta huwa li jittejbu l-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji billi tiżdied is-sensibilizzazzjoni u l-bini tal-kapaċità fost is-setturi rilevanti, f'konformità mal-UNSCR 1540 (2004), inkluż l-infurzar ta' miżuri domestiċi effettivi għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni ta' armi bijoloġiċi u l-mezzi ta' tagħhom. Dawn l-isforzi ser ikunu mmirati lejn ix-xjenzati tal-ħajja fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà fis-setturi pubbliċi u privati, kif ukoll dawk li jfasslu l-politika u l-leġislaturi. L-attivitajiet jinkludu korsijiet ta' taħriġ għal xjenzati tal-ħajja f'pajjiżi benefiċjarji, kif ukoll l-iżvilupp ta' kors ta' taħriġ online biex jilħaq aktar benefiċjarji fir-reġjun. OAS/CICTE ser iwettaq dawn l-attivitajiet f'koordinazzjoni mas-sħab strateġiċi tagħna u, kif innutat fit-taqsima dwar il-Metodoloġija, għal taħriġ u kompiti speċjalizzati ħafna, l-OAS tista' tikkuntratta wkoll appoġġ għal terminu qasir (esperti, ħarrieġa u riċerkaturi), u ser taħdem mas-sħab tagħha f'dawk l-oqsma (inkluż BWC-ISU, UNODA, OIE u l-Unjoni Ewropea) u l-akkademja sabiex jiġi żgurat li l-persunal jissodisfa r-rekwiżiti tekniċi kollha, inkluż, fejn possibbli, abbażi tar-rosters miżmuma minn dawk l-organizzazzjonijiet.

3. Deskrizzjoni tal-proġett

3.1. Deskrizzjoni

Il-proposta tagħna għandha l-għan li ttejjeb il-bijosikurezza u l-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji, f'konformità mal-UNSCR 1540 (2004), u li tkompli żżid il-kapaċità tal-istati benefiċjarji biex jantiċipaw u jirrispondu b'mod effettiv għal inċidenti fuq skala kbira li jinvolvu aġenti bijoloġiċi, kemm jekk ikkawżati mill-bniedem kif ukoll jekk iseħħu b'mod naturali. Il-Proġett iservi wkoll biex itejjeb il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni interaġenzjali u internazzjonali fost l-Istati Membri tal-OAS sabiex jippreparaw u jirrispondu għal inċidenti bijoloġiċi. Barra minn hekk, il-Proġett ifittex li jindirizza lakuni leġislattivi li jeżistu bħalissa f'xi whud mill-pajjiżi fil-mira u jikkumplimenta l-isforzi biex tiġi implimentata il-BWC.

Il-proġett ser ilaqqa' flimkien l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli ta' sa tmien Stati Membri tal-OAS, rappreżentanti xierqa tas-settur privat u tas-soċjetà ċivili, u esperti internazzjonali kwalifikati, biex jesploraw passi li jistgħu jittieħdu biex jiġu żgurati kapaċitajiet imtejba tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà f'dawk l-istati u b'mod aktar ġenerali fir-reġjun tal-OAS. Il-Proġett ser juża approċċ fuq żewġ binarji li jinkorpora kemm attivitajiet nazzjonali kif ukoll dawk sottoreġjonali. Il-Proġett ser ifittex li jagħmel l-aħjar użu mill-esperjenza preċedenti tas-Segretarjat dwar dawn il-kwistjonijiet fil-Kontinent Amerikan, kif ukoll min-netwerk ferm stabbilit ta' kuntatti u sħab tiegħu (speċjalment fis-settur pubbliku). L-isforzi fil-livell nazzjonali ser jiffokaw fuq il-ħidma ma' Stati individwali Membri tal-OAS biex isaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali, jabbozzaw leġislazzjoni u regolamenti u jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni speċifiċi għal kull pajjiż għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet operazzjonali.

Fil-livell reġjonali, l-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità ser jiffokaw fuq il-promozzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni u ta' prattiki tajba, kif ukoll fuq id-definizzjoni tal-parametri strutturali, sostantivi u funzjonali minn approċċ reġjonali.

Barra minn hekk, il-Proġett ser jipprova jagħmel l-aħjar użu minn proċess ta' "evalwazzjoni bejn il-pari" li ġie żviluppat f'dawn l-aħħar snin, li skontu l-Istati jaqblu b'mod volontarju li jaħdmu flimkien biex jivvalutaw il-punti reċiproċi ta' saħħa u dgħufija tagħhom fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' 1540, u jidentifikaw prattiki u oqsma effettivi għat-tkomplija tal-kooperazzjoni bilaterali. Wara s-suċċess tal-eżerċizzji reċenti ta' 1540 ta' evalwazzjoni bejn il-pari bejn iċ-Ċilì u l-Kolombja (2017), ir-Repubblika Dominicana u l-Panama (2019) u l-aktar reċenti l-Paragwaj u l-Urugwaj (2019), qed nipproponu li nipprovdu assistenza ta' segwitu u attivitajiet ta' kooperazzjoni speċifiċi għal dawn it-tliet settijiet ta' pajjiżi. B'dan inkunu qed infittxu li nsegwu r-rabtiet bilaterali msawra mill-qrib bejn dawn l-Istati matul il-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari u nfittxu li nippromwovu aktar l-impenn muri minn dawn il-pajjiżi biex ikomplu l-kooperazzjoni ta' 1540 lil hinn mill-eżerċizzji inizjali ta' evalwazzjoni bejn il-pari. Aħna nipproponu wkoll li nippromwovu eżerċizzji addizzjonali ta' evalwazzjoni bejn il-pari fir-reġjun, b'enfasi qawwija fuq il-bijosikurezza u l-bijosigurtà għal pajjiżi li għadhom ma għamlux dawn l-eżerċizzji, bħall-Messiku u potenzjalment sħab oħra fir-reġjun. Fl-aħħar nett infittxu li nerġgħu neżaminaw il-proċessi eżistenti ta' evalwazzjoni bejn il-pari biex nippromwovu u ntejbu l-kooperazzjoni kontinwa bejn il-pajjiżi, nippromwovu l-aħjar prattiki u nippromwovu l-prattika tal-pubblikazzjoni ta' dokumenti tekniċi (minbarra r-rapporti finali ppreżentati mill-Istati) biex inżommu l-avvanzi li saru f'dawn il-fora.

3.2. Metodoloġija

3.2.1. Struttura organizzattiva

Dan il-proġett ser jiġi implimentat minn OAS/CICTE, f'koordinazzjoni ma' Stati Membri tal-OAS u appoġġati minnhom. It-tim ta' ġestjoni ta' OAS/CICTE għall-proġett ser ikun magħmul minn tliet membri tal-persunal u assistent ta' appoġġ amministrattiv/finanzjarju bbażati fil-kwartieri ġenerali tal-OAS f'Washington DC, f'koordinazzjoni ma' persunal estern ikkuntrattat, skont l-attivitajiet speċifiċi li għandhom jiġu eżegwiti, taħt is-superviżjoni ġenerali u l-gwida tas-Segretarju Eżekuttiv ta' CICTE.

Il-persunal ikkuntrattat esternament ser jinkludi persuna speċjalista legali li ser teżegwixxi l-porzjon tal-assistenza leġislattiva tal-proġett. Għal taħriġ u kompiti speċjalizzati ħafna, l-OAS tista' tikkuntratta wkoll appoġġ għal terminu qasir (esperti, ħarrieġa u riċerkaturi) minn rosters ta' esperti ta' organizzazzjonijiet sħab tekniċi oħra, inkluż il-BWC-ISU, l-UNODA, l-OIE u l-Unjoni Ewropea.

Għall-bidu, it-tim ta' ġestjoni tal-programm tal-OAS/CICTE ser jikkoordina direttament mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri li preċedentement talbu appoġġ fir-rigward tal-UNSCR 1540 (2004). F'diversi każijiet, l-OAS għandha ftehimiet ta' kooperazzjoni eżistenti biex tassisti lill-Istati Membri fl-oqsma ta' implimentazzjoni ta' 1540 li ser jiffurmaw il-bażi għall-assistenza teknika.

3.2.2. Approċċ tekniku

Talbiet għal assistenza leġislattiva u teknika biex jissaħħu r-regolamenti dwar il-bijosigurtà u l-bijosikurezza ser jeħtieġu valutazzjoni u analiżi inizjali tal-leġislazzjoni u r-regolamenti eżistenti mwettqa minn speċjalista legali f'koordinazzjoni mat-tim ta' ġestjoni tal-proġett u l-awtoritajiet rilevanti fil-pajjiżi benefiċjarji permezz ta' missjonijiet ta' assistenza leġislattivi u tekniċi, sabiex jiġu identifikati lakuni speċifiċi u prijoritajiet tal-pajjiż. Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-miżuri speċifiċi relatati ma' titjib leġislattiv u regolatorju fil-qasam tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà li jeħtieġu implimentazzjoni prijoritarja li ser jiġu direttament appoġġati minn dan il-proġett jistgħu jinkludu:

— analiżi tal-leġislazzjoni u r-regolamenti eżistenti fil-pajjiżi benefiċjarji sabiex jiġu identifikati lakuni speċifiċi;

— it-tfassil u l-adozzjoni ta' lista ta' kontroll fuq l-esportazzjoni;

— liżvilupp u l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali għar-rispons għal theddid bijoloġiku;

— l-iżvilupp ta' linji gwida nazzjonali għall-protezzjoni tal-aġenti bijoloġiċi minn tixrid aċċidentali jew deliberu u għall-ħżin u t-trasportazzjoni korretti u sikuri tagħhom, inkluż is-sigurtà interna.

Attivitajiet li jippromwovu u jtejbu l-kooperazzjoni reġjonali jkunu jinkludu

— l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' segwitu għall-bini ta' kapaċità u ta' kooperazzjoni għall-pajjiżi fir-reġjun li jkunu wettqu eżerċizzji ta' evalwazzjoni bejn il-pari marbuta mal-implimentazzjoni ta' 1540;

— eżerċizzji ta' evalwazzjoni bejn il-pari b'enfasi qawwija fuq il-bijosikurezza u l-bijosigurtà;

— l-abbozzar u l-pubblikazzjoni ta' dokumenti tekniċi dwar attivitajiet relatati mal-evalwazzjoni bejn il-pari.

Għas-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ dwar il-komponent tal-bijosikurezza u tal-bijosigurtà ta' din il-proposta, li għandu jitwettaq b'mod parallel mal-komponent ta' assistenza teknika u leġislattiva u kooperazzjoni reġjonali, ser jiġi organizzat kors ta' taħriġ f'kull wieħed mill-pajjiżi benefiċjarji. Dawn il-korsijiet ta' taħriġ ser jiġu kkoordinati mit-tim ta' ġestjoni tal-OAS/CICTE u mwettqa minn esperti internazzjonali. Dawn il-korsijiet ser iservu biex jibnu l-kapaċità u jistabbilixxu grupp ta' ħarrieġa minn fost l-istituzzjonijiet xjentifiċi differenti tal-pajjiżi benefiċjarji li ser ikunu jistgħu jxerrdu l-għarfien dwar il-prinċipji tal-bijosikurezza u l-bijosigurtà, l-aħjar prattiki tal-laboratorju, it-tekniki u l-metodi għall-ġestjoni tal-bijoriskji fil-laboratorji u l-istituti tar-riċerka.

L-OAS/CICTE ser jaħdem ma' akkademiċi u riċerkaturi sabiex jiżviluppa kors online, li jikkontribwixxi għat-titjib tar-riżorsi attwali għal aktar disseminazzjoni ta' għarfien u sensibilizzazzjoni dwar il-bijosikurezza, il-bijosigurtà, u l-bijoetika fost l-akkademiċi, l-għalliema, l-istudenti u r-riċerkaturi fix-xjenzi tal-ħajja, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra.

Barra minn hekk, is-sensibilizzazzjoni dwar il-bijosikurezza, il-bijosigurtà, il-UNSCR 1540 (2004) u l-implimentazzjoni tal-BWC ser jitwettqu fost dawk li jfasslu l-politika, il-membri parlamentari u l-industrija matul il-missjonijiet ta' assistenza teknika u leġislattiva u l-attivitajiet reġjonali u sottoreġjonali inklużi fil-proposta.

3.2.3. Perspettiva tal-ġeneru

Permezz tal-programm tiegħu ta' 1540, l-OAS/CICTE, għandu rwol importanti fl-appoġġ lill-Istati Membri biex jibnu l-kapaċità sabiex jimplimentaw il-UNSCR 1540 (2004) u biex jiġġieldu kontra l-proliferazzjoni, kif ukoll biex jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dawn l-eżiti kollha jikkontribwixxu għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, u jikkomplementaw l-isforzi tal-Istati Membri tal-OAS biex jimplimentaw strumenti rilevanti fl-oqsma globali ta' diżarm u nonproliferazzjoni.

L-OAS/CICTE ser jiżgura l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-proċess ta' reklutaġġ biex jassisti pajjiżi benefiċjarji tal-proġett, u ser jinkoraġġixxi pajjiżi benefiċjarji biex jinvolvu lin-nisa b'mod sinifikanti fl-istadji kollha tal-proġett. Dejjem isir sforz speċjali biex tiġi inkorporata l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi u biex in-nisa jitqiegħdu fiċ-ċentru tat-temi diskussi.

3.2.4. Koordinazzjoni esterna

Apparti l-koordinazzjoni u l-kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali fir-reġjun kollu, l-OAS ser tikkoordina u tikkollabora wkoll ma' istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet oħrajn matul it-twettiq tal-proġett. L-entitajiet elenkati hawn taħt jistgħu jkunu f'pożizzjoni li jipprovdu appoġġ rigward kwistjonijiet speċifiċi u jgħinu biex jippromwovu l-inizjattiva fir-reġjun:

— Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA), inkluż l-Unità ta' Appoġġ għall-Implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi;

— Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà stabbilit skont il-UNSCR 1540 (2004) u l-Grupp ta' Esperti tiegħu;

— Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

— Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), inkluż l-Organizzazzjoni Pan-Amerikana tas-Saħħa (PAHO);

— organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, akkademja u organizzazzjonijiet tas-settur privat li l-objettivi tagħhom huma konformi mal-objettivi ta' din il-proposta, inkluż il-Laboratorju Nazzjonali ta' Sandia; Subcomisión de Bioseguridad y Bioscustodia de la Asociación Argentina de Microbiología; James Martin Center CNS; Asociación Latinoamericana de Biocontención y Biocustodia.

3.3. Objettivi u Attivitajiet tal-Proġett

Objettiv 1: It-tisħiħ tal-istandards tal-bijosikurezza u tal-bijosigurtà fil-pajjiżi benefiċjarji.

Attivitajiet ta' Appoġġ

— Attività 1.1: Titwettaq missjoni ta' assistenza teknika għal kull pajjiż mal-aġenziji involuti fuq il-bijosikurezza u l-bijosigurtà sabiex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet u jitfassal rapport ta' valutazzjoni.

— Attività 1.2: Abbażi tal-ħtiġijiet u r-riżorsi, jiġi ffaċilitat it-taħriġ f'wieħed mill-oqsma li ġejjin jew fit-tnejn li huma: l-adozzjoni ta' lista ta' kontroll tal-esportazzjoni jew l-adozzjoni ta' pjan ta' azzjoni nazzjonali għal rispons għal theddid bijoloġiku. Jiġi pprovdut rapport ta' evalwazzjoni.

— Attività 1.3: Jiġu żviluppati linji gwida nazzjonali għall-protezzjoni tal-aġenti bijoloġiċi minn tixrid aċċidentali jew deliberu, kif ukoll linji gwida nazzjonali rigward il-ħżin u t-trasportazzjoni korretti u sikuri tagħhom, inkluż is-sigurtà interna.

Riżultati mistennija

— Rapport ta' valutazzjoni abbozzat b'rakkomandazzjoni għal kull pajjiż u għal kull aġenzija.

— Lista ta' kontroll tal-esportazzjoni maħluqa skont il-ħtiġijiet tal-pajjiżi.

— Rapport ta' evalwazzjoni pprovdut mill-pajjiż tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali li jirrispondi u linji gwida għal theddid bijoloġiku, avvenimenti aċċidentali, ħażna sikura u trasport.

Objettiv 2: It-titjib tal oqfsa legali u regolatorji dwar il-bijosikurezza u l-bijosikurezza u l-armonizzazzjoni tagħhom ma' standards internazzjonali eżistenti.

Attivitajiet ta' Appoġġ

— Attività 2.1: Jiġu rieżaminati l-oqfsa leġislattivi u regolatorji eżistenti f'kull pajjiż benefiċjarju biex jiġu identifikati l-lakuni u l-oqsma prijoritarji ta' bżonn.

— Attività 2.2: Tiġi pprovduta assistenza leġislattiva kif meħtieġ, inkluż l-abbozzar ta' leġislazzjoni u regolamenti biex jiġu implimentati listi ta' kontroll fuq l-esportazzjoni u/jew pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali.

— Attività 2.3: Jiġi kkompilat u ppubblikat dokument b'linji gwida għall-aħjar prattiki, tekniki u metodi tal-laboratorji għall-ġestjoni tal-bijoriskji fil-laboratorji u fl-istituti ta' riċerka u jitqassam biex jippromwovi l-għarfien ta' prattiki tajbin fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti.

Riżultati mistennija

— Tal-anqas missjoni ta' assistenza leġislattiva waħda għal kull pajjiż biex tipprovdi appoġġ fil-lista ta' kontroll fuq l-esportazzjoni u/jew pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u/jew abbozz ta' leġislazzjoni/regolamenti rilevanti.

— L-aħjar prattiki tal-laboratorju ppubblikati b'komponenti differenti: akkademiċi, tekniċi u metodi differenti.

Objettiv 3: It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni u l-kooperazzjoni b'mod partikolari permezz tal-eżerċizzji ta' 1540 ta' evalwazzjoni bejn il-pari.

Attivitajiet ta' Appoġġ

— Attività 3.1: Jiġu ffaċilitati sa tliet eżerċizzji ġodda ta' evalwazzjoni bejn il-pari b'enfasi qawwija fuq il-bijosikurezza u l-bijosigurtà.

— Attività 3.2: Isiru tliet workshops bilaterali biex isegwu fuq l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni bejn il-pari diġà mwettqa fir-reġjun marbuta mal-implimentazzjoni ta' 1540.

— Attività 3.3: Jiġu abbozzati u ppubblikati dokumenti tekniċi dwar attivitajiet relatati mal-evalwazzjoni bejn il-pari.

— Attività 3.4: Tiġi organizzata konferenza reġjonali dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà biex fost affarijiet oħra żżid il-koordinazzjoni u tiġi promossa l-kondiviżjoni ta' informazzjoni.

— Attività 3.5: Tiġi organizzata konferenza reġjonali dwar l-istatus tal-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004) fil-Kontinent Amerikan.

Riżultati mistennija

— Eżerċizzji ta' evalwazzjoni bejn il-pari ffaċilitati għal sitt pajjiżi benefiċjarji.

— Rapport ta' segwitu tal-evalwazzjoni bejn il-pari abbozzat u ppubblikat għal Ċilì/Kolombja, Repubblika Dominicana/Panama u Paragwaj/Urugwaj.

— Żieda fil-koordinazzjoni bejn l-aġenziji marbuta mal-bijosigurtà ta' bijosikurezza tal-pajjiżi benefiċjarji.

Objettiv 4: Il-faċilitazzjoni ta' taħriġ kontinwu dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà.

Attivitajiet ta' Appoġġ

— Attività 4.1: Jiġi stabbilit netwerk ta' ħarrieġa fil-bijosikurezza u l-bijosigurtà f'kull pajjiż benefiċjarju.

— Attività 4.2: Jiġi mfassal u żviluppat modulu ta' taħriġ għax-xjenzati biex jitnaqqas ir-riskju ta' użu ħażin possibbli ta' materjali u tagħmir matul ir-riċerka tagħhom.

— Attività 4.3: Issir koordinazzjoni ma' istituti nazzjonali rilevanti ta' taħriġ biex tkun inkoraġġuta l-inklużjoni fil-kurrikula akkademiċi ta' moduli u/jew materjali relatati mal-bijosikurezza u l-bijosigurtà, inkluż l-implimentazzjoni tal-UNSCR 1540 (2004) u l-BWC.

— Attività 4.4: Jiġu organizzati u jitwettqu sa tmien sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-bijosikurezza u l-bijosigurtà (wieħed għal kull pajjiż benefiċjarju).

Riżultati mistennija

— L-istabbiliment ta' netwerk ta' ħarrieġa u speċjalisti dwar il-bijosigurtà u l-bijosikurezza f'kull pajjiż.

— Il-ħolqien ta' korsijiet online miftuħin u t-twettiq ta' sitt korsijiet.

— It-taħriġ ta' xjenzati fil-pajjiżi benefiċjarji minn aġenziji relatati mal-bijosikurezza u l-bijosigurtà.

4. Benefiċjarji

Il-benefiċjarji diretti tal-objettivi 1 sa 4 huma istituzzjonijiet u awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-bijosikurezza u l-bijosigurtà f'kull pajjiż benefiċjarju (sa tmien Stati skont il-fondi riċevuti: l-Arġentina, iċ-Ċilì, il-Kolombja, ir-Repubblika Dominicana, il-Messiku, il-Panama, il-Paragwaj u l-Urugwaj). Bil-ħolqien tal-kors online u l-inklużjoni ta' dawn is-suġġetti fil-kurrikuli universitarji, ser tintlaħaq firxa saħansitra usa' ta' benefiċjarji.

5. Viżibbiltà tal-Unjoni Ewropea

L-OAS/CICTE ser jiżgura li l-attivitajiet kollha tal-proġett jirrikonoxxu l-Unjoni għall-appoġġ finanzjarju tagħha tal-proġett permezz ta' diversi mezzi. Stqarrijiet għall-istampa, media soċjali u intervisti mal-media tal-aħbarijiet għal avvenimenti b'viżibbiltà għolja ser jenfasizzaw l-appoġġ tal-UE. Kull tagħmir, materjal stampat jew software tal-kompjuter mogħti b'donazzjoni lill-pajjiżi benefiċjarji ser ikun immarkat bħala li huwa ffinanzjat mill-Unjoni. Il-persunal tal-proġett ser juri l-logo u/jew il-bandiera tal-UE fuq il-kpiepel, ġagagi jew uniformijiet tax-xogħol kollha bħala metodu ċar ta' mmarkar. L-appoġġ tal-Unjoni ser ikun ippubblikat u viżibbli sew fuq is-siti web u l-pubblikazzjonijiet tal-OAS relatati mal-proġett u l-programmi li huma appoġġati.

6. Tul ta' żmien

Il-perijodu ta' żmien maħsub għall-eżekuzzjoni tal-proġett huwa ta' 36 xahar.

7. Struttura ġenerali

L-implimentazzjoni teknika tal-proġett ser titwettaq mill-OAS/CICTE permezz tal-programm eżistenti tiegħu ta' 1540.

8. Sħab

L-OAS/CICTE ser jimplimenta l-proġett fi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali f'pajjiżi benefiċjarji, f'kollaborazzjoni ma' sħab strateġiċi.

9. Rapportar

Rapporti narrattivi ta' progress u status finanzjarju ser jiġu ppreżentati fuq bażi ta' kull tliet xhur biex jippermettu monitoraġġ u evalwazzjoni adegwati u f'waqthom u l-OAS/CICTE ser jibqa' f'kuntatt mill-qrib mad-donatur.